# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1157/15/1 SM**

**Emanuela Grech**

**v.**

**Dr.Yana Micallef Stafrace u PL Jean Pierre Busutill li ġew maħtura b'digriet tat-2 ta' Marzu 2016 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lil Salvation Army ta' Melbourne Victoria ġewwa l-Awstralja u b'nota tad-29 ta' Mejju 2018 Dr.Yana Micallef Stafrace ġiet sostitwita b'Dr.Fransina Abela wara digriet tat-23 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u

għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi biex issib li ħuha Aloisio ma kienx f'qagħda li jagħmel it-testment tiegħu tas-sebgħa (7) ta' Jannar, 2005, fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino minħabba li ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi għax ma setax japprezza dak li kien qiegħed jagħmel, u biex għalhekk issib li l-imsemmi testment ma kienx jiswa u mingħajr effett, u biex tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa. Dik il-Qorti ordnat lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża;

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi kkonsidrat li:

> "*7. Illi l-iskop tal-procedura odjerna inoltrata mir-rikorrenti hu dak li finalment jigi dikjarat minn din il-qorti li t-testment redatt minn Aloisio sive Luigi Grech – hu r-rikorrenti – datat is-7 ta' Jannar, 2005, u ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, (ara foll 9 et seq.), hu null u minghajr effett, ghaliex allegatament it-testatur de quo ma kienx jippossjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mill-ligi biex jirredigi testment validu;*
>
> *8. Illi fl-imsemmi testment, l-istess testatur kien innomina lill-ghaqda "Salvation Army", ta' Melbourne, Victoria, l-Awstralja, bhala l-unika eredi universali tieghu, (ara foll 11);*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> *9.0. Illi ghall-fini tal-problematika in dizamina huma applikabbli l-artikli 597(d) u 599 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament jistabbilixxu s-segwenti:*
>
> *9.1. Illi huma inkapaci jiddisponu b'testment dawk interdetti, b'dizordni mentali, jew dawk b'kundizzjoni ohra li tirrendihom mhux kapaci jiehdu hsieb hwejjighom fil-mument ta' meta jsir it-testment;*
>
> *9.2. Illi testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, u dan, anke jekk l-inkapacita` tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu;*
>
> *Ikkunsidrat:*
>
> *10.0. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-segwenti kazistika:*

*10.1.* ***Paolo Schembri et vs. Maria Galea et****, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata s-****16 t'Ottubru, 1883****:*

> *"... l'uomo nello stato suo normale si presume ragionevole e sano di mente, fino a concludente prova in contrario. La prova contraria incombe all'opponente lo stato di sanita`";*

*10.2.* ***Francesco Danastas vs. Salvatore Danastas****, Appell Civili, datat it-****28 ta' Mejju, 1926****:*

> *"... i nostri tribunali, basandosi sulla dottrina e la gurisprudenza in materia, sono stati sempre renitenti a pronunziare la nullita` di un testamento per insanita` mentale del testatore, ammenocche` tale incapacita` consti positivamente da fatti precisi e univoci e non si verifichi al momento in cui egli dettasse la sua ultima volonta`";*

*10.3.* ***Carmen Josephine Cassar vs. Louis sive Lewis u Margaret Rose konjugi Naudi****, Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata s-****6 t'Ottubru, 2010****:*

> *"...l-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' testment minhabba insanita` mentali huma dawn li gejjin:*
>
> *1. Li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni;*
>
> *2. Li regola ohra fundamentali hija wkoll dik stabbilita mill-paragrafu (d) tal-artiklu 634 (fil-prezent l-artiklu 597 (d)) tal-Kodici Civili li huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li fiz-zmien tat-testment ma jkunux f'sensihom, ("of unsound mind");*
>
> *3. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio si fa', e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentare", (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torino tal-4 ta' Frar, 1871);*
>
> *4. Li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;*
>
> *5. Li l-qrati taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b'mod car minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment;*
>
> *Ara d-decizjoni fl-ismijiet* ***Joseph Vassallo et vs. Avv. Dr. Victor R. Sammut et nomine*** *Appell Civili,* ***24 t'April, 1950****, b'ripetizzjoni*

*tal-enuncjazzjoni fid-decizjoni tal-istess Qorti tat-**22 ta' Gunju, 1938** in re: **Giuseppe Formosa et vs. Giuseppe Axiak et**";*

*Ikkunsidrat:*

*11. Illi l-kazistika fuq riprodotta tiddetta l-ahhar kelma fir-rigward, u din il-qorti m'ghandha xejn aktar x'tissottolinea;*

*12. Illi ghalhekk, tenut kont tal-assjem tal-istess, ghandu jkun pacifiku li l-fatt li testatur jista' jkun non capax f'mument antecedenti jew successiv ghat-testment minnu redatt, m'ghandux wisq siwi ghall-problematika in dizamina;*

*13. Illi in effetti dak li verament ghandu piz fir-rigward hu l-istat psiko-fiziku tat-testatur proprju fil-mument meta hu jirredigi ttestment li jkun fil-mira ta' min ikun irid jimpunjah;*

*14. Illi di piu`, jigi wkoll sottolineat li tali provi rigwardanti l-istat mentali ta' testatur ghandhom ikunu kemm serji, kif ukoll rigoruzi;*

*Ikkunsidrat:*

*15.0. Illi x-xhieda prodotta fir-rigward mir-rikorrenti hi prevalentement dik imressqa permezz ta' dikjarazzjonijiet guramentati li sintetikament jghidu s-segwenti:*

*15.1. Illi t-testatur kien ragel sewwa hafna u qatt ma ta fastidju, (ara foll 13);*

*15.2. Illi meta marad l-istess testatur beda jaghmel kummidji kbar u beda jaghti fastidju, (ara foll 13);*

*15.3. Illi kien jhedded lil Susan Gauci Mifsud, u jwerwrilha lit-tfal, (ara foll 13);*

*15.4. Illi t-testatur kien ta' periklu ghalih u ghal haddiehor, (ara foll 13);*

*15.5. Illi t-testatur ma kienx sew minn mohhu, (ara foll 15 u 17);*

*15.6. Illi jirrizulta li t-testatur seta' ghamel il-hajja tar-rikorrenti infern, (ara foll 17);*

*15.7. Illi t-testatur kien izomm ruhhu mahmug jinten, (ara foll 18 u 21);*

*15.8. Illi l-istess testatur ma kienx mentalment stabbli, (ara foll 20 u 21);*

*Ikkunsidrat:*

*16. Illi nonostante s-suespost, xorta wahda ma jitnissilx il-konvinciment statutorjament rikjest li fil-mument tat-testment tieghu datat is-7 ta' Jannar, 2005, (ara foll 9), l-istess testatur Aloisio sive Luigi Grech kien persuna inkapaci minhabba xi vizzju mentali li ma ippermettilux jifhem il-konsegwenzi durevoli tat-testment tieghu;*

*17. Illi di piu`, minn ezami dettaljat tar-rizultanzi processwali, ma jirrizultax b'mod car li dawk l-assjem ta' cirkostanzi fuq riferiti u sintetikament elenkati, ma hallewx lill-istess testatur jifhem il-konsegwenti tad-decizjonijiet tieghu riprodotti fl-istess testment in dizamina;*

*18. Illi di piu`, ghalkemm zewg (2) xhieda jirreferu ghall-intervent ta' psikologu fir-rigward, (ara foll 21 u 23), pero` l-ebda xhieda ta' esperti psikologi ma gew prodotti in atti biex jitfghu dawl fuq l-allegazzjoni de quo;*

*19. Illi aktar minn hekk tezisti wkoll il-presunzjoni li meta l-istess testatur in dizamina mar ghand in-Nutar Dottor Paul Pullicino biex jirredigi t-testment de quo, l-istess nutar kien zgura ruhhu mill-kapaicta` testamentarja tal-istess testatur proprju fil-mument krucjali meta mar jirredigi t-testment in dizamina;*

*20. Illi s-suespost qieghed jigi sottolineat fid-dawl tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Carmen Micallef et vs. Madalena Galea et****, datata l-****10 t'April, 2013****, li tissottolinea li:*

> *"Naturalment kull nutar li jippubblika testment ikun wasal ghall-konkluzjoni li t-testatur probabbilment ghandu mohh san";*

*Ikkunsidrat:*

*21. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fl-atti in dizamina ma tirrizultax il-prova pozittiva, preciza, serja u rigoruza li turi li t-testatur in dizamina kien fi stat t'inkapacita` mentali meta fis-7 ta' Jannar, 2005, mar ghand in-Nutar Dottor Paul Pullicino biex jiddisponi minn gidu permezz tat-testment li hemm gie redatt;*

*22.0. Illi ghalhekk, fid-dawl tal-assjem kollu fuq espost din il-qorti tqis li ghandha tregi l-prezunzjoni li t-testatur in dizamina kien ragonevolment mentalment capax* ";

3. L-attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'rikors tal-appell imressaq minnha fl-20 ta' Novembru, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti biex tħassarha għal kollox u, minflok,

tilqa' t-talbiet tagħha "bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà intimata";

4. Min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-Assoċjazzjoni estera intimata, laqgħu għal dak l-appell bi Tweġiba mressqa fl-20 ta' Settembru, 2018, li biha qalu li s-sentenza appellata hija mistħoqqa u jixraq tkun konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tal-25 ta' Ottubru, 2022;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' testment minħabba l-inkapaċità tal-moħħ tat-testatur. L-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-talbiet tal-attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") biex issib li l-aħħar testment magħmul minn ħuha ma kienx jiswa minħabba li dakinhar ma kienx f'qagħda li jkun jaf x'inhu jagħmel u li jiddisponi minn ġidu. Bl-imsemmi testment, it-testatur ħassar kull testment li huwa seta' għamel qabel, kemm f'Malta u barra minn Malta, u ħalla b'werrieta universali tiegħu lill-fergħa tas-

*Salvation Army* ta' Melbourne, fl-istat ta' Victoria fl-Awstralja. L-Ewwel Qorti sabet li l-appellata ma kienx seħħilha tipprova li, fil-waqt li sar it-testment attakkat, ħuha ma kienx jaf x'qed jagħmel;

8. Illi l-appellanti qajmet **sitt aggravji** mis-sentenza appellata. Bl-ewwel wieħed, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx sewwa l-fatti "unitarji" li ressqitilha quddiemha u tistieden lil din il-Qorti biex "tissindika dak l-istess apprezzament diskrezzjonali". It-tieni aggravju, li jinbena fuq ta' qablu, huwa li l-Ewwel Qorti xorta ma qisitx il-provi mressqa minnha minkejja li ma kienx hemm verżjoni kuntrarja ta' dawk il-provi jew xi kunflitt bejn il-provi mressqa. Fit-tielet aggravju, l-appellanti tilmenta mill-kumment tal-Ewwel Qorti li ma tressqitx prova tajba u awtorevoli biżżejjed li t-testatur ma kienx f'qagħda li jagħmel it-testment f'dak il-ħin li t-testment kien ippubblikat. Bir-raba' wieħed, l-appellanti tikkontesta l-fehma tal-Ewwel Qorti li d-dikjarazzjoni tan-nutar li ppubblika t-testment li kien żgura ruħu mill-kapaċità mentali tat-testatur kellha toħloq preżunzjoni tajba biżżejjed li fil-fatt it-testatur kien tabilħaqq kapaċi mentalment li jagħmel testment li jgħodd. Fil-ħames aggravju, tħoss li l-Ewwel Qorti ma messhiex stennietha tressaq xhieda ta' esperti psikoloġi biex isostnu dak li xhieda oħrajn qalu taħt ġurament dwar saħħet it-testatur bla ma nġabu provi li jwaqqgħu x-xiehda tagħhom. Bl-aħħar aggravju l-appellanti tgħid li, mill-provi mressqa, ma jistax ikun li l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-fehma li t-testatur kellu l-użu tar-raġuni;

9. Il-Qorti jidhrilha li għandha tqis l-**ewwel u t-tieni aggravji** flimkien għaliex it-tnejn li huma jduru mal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Bl-ewwel aggravju, l-appellanti tgħid li meta wieħed jifli l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti , għandu joħroġ ċar li "jeżisti strapp għall-loġika" billi l-apprezzament magħmul minn dik il-Qorti ma kienx indirizzat sewwa fuq "l-elementi unitarji tal-provi li ġew prodotti" u li ħallew effett ta' stħarriġ "insodisfaċenti". L-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti kienet selettiva f'liema provi kellha toqgħod fuqhom u warrbet provi oħrajn daqstant siewja li kellhom iwasslu għal riżultat differenti għall-aħħar minn dak deċiż fis-sentenza appellata. Dawk il-provi mwarrba kienu tajbin biżżejjed biex juru li, dakinhar li sar it-testment, it-testatur ma kienx f'qagħda li jkun jaf x'qiegħed jagħmel. Tgħid li l-provi mressqin minnha jmorru lura bosta snin qabel ma sar it-testment attakkat u huma provi konsistenti daqskemm univoċi dwar l-anomaliji f'saħħet ħuha t-testatur. F'dan ir-rigward, issemmi x-xhieda ta' qraba u nies li kienu jafu lit-testatur li kien jgħix f'għakar u telqa kbira, kien jagħmel affarijiet li ma jagħmilhomx bniedem normali u li ma kienx baqa' jagħraf lanqas lill-eqreb qraba tiegħu;

10. Fit-tieni aggravju tagħha l-appellanti tidħol fuq l-aspett tal-konflitt tal-provi li normalment joħroġ f'bosta kawżi imma li, f'dan il-każ, ma kienx hemm għaliex tgħid li l-provi kollha mressqa kienu jippuntaw lejn direzzjoni waħda – jiġifieri l-inkapaċità tat-testatur li jagħmel testment

minħabba li, mhux biss kellu problemi ta' memorja, imma "ma kellux l-użu tar-raġuni li jippermettilu li jkun konxju ta' dak li jagħmel". Terġa' ttenni li ħuha ma kien orjentat xejn, lanqas kien intebaħ bil-mewt ta' ħuh ieħor u baqa' jistaqsi għalih u jagħmel għal kull min iħossu qiegħed jheddu;

11. Illi l-Qorti tqis li, għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ li ntalbet tagħmel dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti apprezzat il-provi li tressqu quddiemha, ma hemm xejn li jmur lil hinn mir-regola li din il-Qorti hija mogħnija b'kull setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom l-Ewwel Qorti , u li fuq kollox għandha d-dmir li twettaq apprezzament awtonomu tal-fatti, fl-istess waqt, ma jistax jintesa li din il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti b'mod laxk, u dan speċjalment fejn tidħol il-kredibilità ta' xhieda, jew inkella f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn dik il-Qorti tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli.[1] Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin***, xogħol il-Qorti fl-istħarriġ ta' aggravju ta' din ix-xorta, huwa propju li: "*tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, tqis jekk minn dawk il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet*

[1] Ara fost ħafna oħrajn is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Orazio sive Grezzju Azzopardi v. Anthony Azzopardi,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023** (App. Ċiv. 1131/2014/1); ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Jannar, 2023**, (App. Ċiv. 838/2019/1), u ***Philip Gauci et. v. Alfred Gauci et.***, deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu 2019** (App. Ċiv. Nru. 37/2004/1);

*għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu*"[2];

12. Illi l-Qorti tagħraf li t-testment attakkat sar meta l-attur kellu erbgħa u sebgħin (74)[3] sena u kien għamel testment ieħor tmienja u għoxrin (28) sena qablu[4], imma fit-testment attakkat huwa ħassar kull testment li kien għamel qabel. It-testment attakkat sar f'uffiċċju ta' nutar fil-Belt Valletta, inkiteb fl-ilsien ingliż u, fost ix-xhieda, kien hemm nutar pubbliku ieħor[5]. Għalkemm ma ngħatatx spjegazzjoni, l-att tat-testment beda jinkiteb bil-Malti, imma għal xi raġuni, inqaleb u nkiteb fl-ilsien Ingliż u dak li kien inkiteb bl-ilsien Malti (id-daħla tat-testment) tħassar. It-testatur kien jgħix fiż-Żejtun, imma mar il-Belt biex sar it-testment tiegħu. It-testatur kien għamel snin jgħix fl-Awstralja[6] qabel reġa' ġie lura Malta u għalhekk wieħed jifhem li kien jaf jitkellem bl-Ingliż u, kemm kien dam jgħix hemm, li kien sema' bl-assoċjazzjoni li lilha ħalla b'werrieta tiegħu;

13. Illi huwa minnu li x-xiehda kważi kollha mressqa mill-attriċi hija waħda univoka. Dik ix-xiehda titkellem dwar persuna – t-testatur – u l-imġiba partikolari tiegħu. Il-Kuraturi Deputati ma dehrilhomx li kellhom

---

[2] App. Ċiv. Nru. 90/14/1FDP, deċiża fil-**11 ta' Ottubru 2022**.
[3] Miċ-ċertifikat tal-Mewt Dok "A" joħroġ li, meta miet kellu 84 sena meta miet fl-2015
[4] Dok "B", f'paġ 5 – 7 tal-proċess
[5] Dok "Ċ", f'paġ. 9 – 12 tal-proċess
[6] Ara Dok "B", f'paġ. 54 fejn l-avukat tal-attriċi nnifisha ddikjarat din il-ħaġa meta kitbet lis-Salvation Army fl-Awstralja

iressqu lil dawk ix-xhieda f'kontroeżami, għajr lill-attriċi. Jekk wieħed jara l-każ biss mid-dawl ta' dawk ix-xhieda, wieħed jaħseb li fehma waħda biss tista' toħroġ minnha u li dik il-fehma taqbel ma' dak li tippretendi l-appellanti. Madankollu, il-Qorti tqis ukoll li, għalkemm dik ix-xiehda hija univoka, ma jistax jingħad li hija determinanti u tajba biex issejjes it-teżi ewlenija tal-attriċi li, fil-waqt li Aloisio Grech kien qed jagħmel it-testment tiegħu f'Jannar tal-2005, ma kienx jaf x'qed jagħmel. B'mod partikolari, ma tressqet l-ebda prova medika li tixhed il-qagħda tat-testatur fiż-żmien rilevanti meta sar it-testment. Dawk il-qraba li kienu jduru bih semmew episodji partikolari, imma la rabtuhom ma' żmien determinat u wisq anqas ressqu provi li t-testatur kien tqiegħed taħt kura. Intilfet opportunità li jitressaq b'xhud in-nutar li kien xhud fit-testment (billi, sa dakinhar li nfetħet il-kawża, in-nutar li ppubblika t-testment kien ħalliena) biex mingħandu wieħed isir jaf kif kienet il-qagħda tat-testatur fil-ħin li sar it-testment, kif kienet imġiebtu dak il-ħin u kif mar (jew twassal) f'uffiċċju nutarili fil-Belt miż-Żejtun, jekk tassew ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu jew ta' ħwejġu. Fit-tielet lok, waħda mix-xhud li tressqu[7] irrakkontat fatti fuq imġiebet id-*decuius* li seħħew madwar għaxar snin wara li kien sar it-testment. Minbarra dan, l-istess xhud stqarret li kienet xtrat il-post fejn toqgħod mingħand l-istess Aloisio Grech u (għalkemm ma ssemmietx id-data jew iż-żmien meta sar il-kuntratt, mill-età tax-xhud ma setax kien li dak il-kuntratt kien sar ħafna żmien qabel ma sar it-testment attakkat)

[7] Ara x-xhieda ta' Susan Gauċi Mifsud f'paġ. 13 – 14 tal-proċess

wieħed ma jistax għalhekk ma jarax l-effett ta' xhieda bħal dik: jekk Aloisio Grech ma kienx f'qagħda li jagħmel testment kif seta' kien f'qagħda li jersaq fuq kuntratt ta' bejgħ li jiswa;

14. Il-Qorti ma tifhimx kif l-imġiba "stramba" ta' persuna li tinqata' għaliha jew il-fatt li tittraskura lilha nnifisha u tidher mitluqa jew kif il-komportament misantropu ta' persuna jrid iwassal għall-konklużjoni li dik il-persuna mhijiex f'qagħda li ma tafx x'qiegħda tagħmel;

15. Illi il-Qorti tqis li b'dawn il-kunsiderazzjonijiet qiegħda turi għaliex ix-xhieda li l-appellanti tgħid li jmissha kkonvinċiet lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża mod ieħor fil-fatt ma twassalx għal dak ir-riżultat. Minħabba f'hekk, taqbel mal-Ewwel Qorti li x-xhieda li ressqet l-appellanti ma kinitx biżżejjed biex twassal għall-konvinċiment li t-testatur ma kienx mentalment *capax* fil-ħin li huwa kien qed jagħmel it-testment attakkat. Fi kliem ieħor, l-eżerċizzju magħmul mill-Ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-fatti ma kienx wieħed irraġonevoli jew ċensurabbli fid-dawl tal-ftit provi mressqa. Kien jaqa' fuq l-appellanti, bħala l-parti attriċi, li tressaq provi tajbin biżżejjed biex issostni l-allegazzjonijiet tagħha: ladarba dan naqset milli tagħmlu, mhux ħtija tal-Ewwel Qorti ;

16. L-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellanti, għalhekk, ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

17. Illi bi**t-tielet aggravju** tagħha l-appellanti tilmenta mill-kunsiderazzjoni fis-sentenza appellata li ma kienx ta' siwi għall-problematika in diżamina l-fatt li testatur kien *incapax* f'xi żmien qabel jew f'xi żmien wara li jkun għamel testment. Hija tgħid li, f'dan il-każ, kienet nieqsa għal kollox il-prova medika psikjatrika fil-waqt li sar it-testment attakkat li kienet turi li ħuha kien f'qagħda li seta' jagħmel it-testment. Tgħid li jirriżultalha li ħadd minn dawk li kienu involuti fit-tfassil u l-pubblikazzjoni tal-istess testment ma għadhom ħajjin u b'hekk ma setgħux jitressqu b'xhud. Hija mbagħad ssemmi ċirkostanzi u ġrajjiet dwar l-imġiba u s-saħħa mentali ta' ħuha kif tirriżulta mix-xieħda b'affidavit li tressqet fl-atti. Minnhom hija tislet il-fehma li fil-każ ta' ħuha l-qagħda tiegħu kienet waħda li ma kinitx sempliċiment kundizzjoni ta' dimenzja, imma "proċess prekoċi li kien qiegħed jimpedilu l-kapaċità tiegħu għal ġudizzju" b'mod li lanqas seta' wieħed jgħid li Aloisio Grech kellu waqtiet ta' luċidità. Fi kliem ieħor, b'dawn is-sottomissjonijiet, l-appellanti qiegħda tgħid li ħuha kien inkapaċi għall-aħħar biex jagħmel it-testment attakkat għaliex "kien qiegħd ibati minn stat kontinwu ta' insanità";

18. Il-Qorti f'dan ir-rigward ittenni r-regola bażika li l-kapaċità ta' persuna li tagħmel testment hija meqjusa bħala r-regola, filwaqt li l-

inkapaċità hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni[8]. Minn din il-preżunzjoni jitnissel imbagħad prinċipju ieħor li min jattakka s-siwi ta' testment minħabba inkapaċità fil-menti tat-testatur, dan għandu jipprova l-inkapaċità tat-testatur fil-mument tat-testment[9] u "*m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċità minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel*"[10]. Żdied jingħad ukoll li "*skont il-ġurisprudenza tagħna, hemm preżunzjoni juris tantum illi: "kull min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi minn beni tiegħu; salv prova kuntrarja". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak*** *deċiża fl-20 ta' Ġunju, 1938, u dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et*** *deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004)*"[11]. Huwa wkoll magħruf sewwa li din il-preżunzjoni m'għandhiex titwarrab faċilment u dan sakemm: "*l-inkapaċità ma tkunx tirriżulta b'mod ċert minn fatti preċiżi w univoċi w ma jkunx ġie provat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qed jagħmel it-testment*"[12];

---

[8] Ara, fost ħafna oħrajn, App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et.***
[9] Ara, f'dan is-sens, App. Ċiv.**23.11.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Galea v. Mary Casingena et.***
[10] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Lorenza Bonniċi et v. Maria Dolores Mifsud*** maqtugħa fit-**2 ta' Marzu, 2018** §31
[11] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Galea v. Mary Casingena et***., deċiża minn din il-Qorti kif illum komposta, fit-**23 ta' Novembru, 2020**.
[12] Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo et. v. Sammut***, deċiża minn din il-Qorti fil-**24 ta' April, 1950** (Kollez. Vol. **XXXIV.i.108**.)

19. Il-Qorti tqis li kemm fil-ħames (5) kawżali fir-rikors maħluf li bih infetħet din il-kawża u kif ukoll fl-ewwel talba attriċi, ir-raġuni li fuqha l-appellanti ssejjes it-talba tagħha għat-tħassir tat-testment ta' ħuha, hija li ħuha ma kellux "il-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setax japprezza dak li kien qiegħed jagħmel". Kemm l-Ewwel Qorti u xejn anqas din il-Qorti huma marbuta li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom fuq kif saret it-talba. Jerġa' jingħad li, lil hinn minn episodji ta' dimenzja jew imġiba anti-soċjali, il-provi mressqa mill-appellanti ma kienu jirreferu għall-ebda kundizzjoni medika speċifika li setgħet impediet lil ħuha milli jersaq għall-pubblikazzjoni ta' testment fil-waqt li għamlu. Dan kien element ta' prova meħtieġ, qabel ma titressaq il-prova li, fil-waqt li għamel it-testment, Aloisio Grech kien milqut mill-effetti ta' dik il-marda. Dak il-piż ta' prova kien jaqa' fuq l-appellanti;

20. Kif ingħad ukoll fid-duttrina, il-prova li t-testatur seta' kien maħkum minn dimenzja ma huwiex biżżejjed biex iwaqqa' il-preżunzjoni tal-kapaċità tiegħu li jagħmel testment, u dan għaliex kif jgħid il-ġurista Laurent, "*non basta, dunque, provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza; bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, vale a dire permanente"*[13]. Hemm ukoll qbil fil-ġurisprudenza li *"[g]ħal dak li hu l-grad ta' kapaċità, "[i]l-liġi f'dan il-każ*

[13] Laurent, *'Principi di Diritto Civile',* Vol. XI, paġ. 112. Ara, b'eżempju, P.A. JZM **28.6.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Margaret Rossignaud et v. Myriam Pellegrini et***

*tikkuntenta ruħha bil-minimu jew almenu bi grad moderat u mhux bi grad għoli u wisq inqas bis-superlattiv jew grad massimu ta' kapaċità." (Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et deċiża mill-Prim'Awla fl-20 ta' Ottubru 1971)*"[14];

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa' u li l-Ewwel Qorti waslet għal fehma tajba dwar dan l-aspett legali u fattwali wkoll fis-sentenza appellata;

22. Fir-**raba' aggravju** tagħha l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet kunsiderazzjonijiet dwar l-aċċertamenti li wettaq in-nutar pubbliku li ppubblika t-testment attakkat, meta dik l-istess Qorti, f'sentenza oħra li tat jiem qabel[15], kienet għamlet kunsiderazzjonijiet għal kollox differenti dwar affermazzjonijiet magħmula minn nutar pubbliku u s-siwi ta' testment li sar taħt il-ministeru tiegħu;

23. Jidher li b'dan l-aggravju l-appellanti qiegħda tixli lill-Ewwel Qorti b'nuqqas ta' konsistenza fil-kunsiderazzjonijiet tagħha f'kawżi ta' din l-għamla. Din il-Qorti hija midħla tal-kawża li l-appellanti qiegħda ssemmi għaliex kien tressaq appell minnha wkoll u, sewwasew għaliex taf iċ-

[14] Silta meħuda mis-sentenza P.A. AE **14.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et*** (Ikkonfermata minn din il-Qorti fit-**18 ta' Lulju, 2017**); u App. Ċiv. **12.7.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Magrin pro et noe v. Rita Sammut***.
[15] Tirreferi għall-kawża 799/06SM fl-ismijiet ***Victoria Galea v. Mary Casingena et*** (maqtugħa minn din il-Qorti fit-23.11.2020)

ċirkostanzi tal-kawża l-oħra, issib li t-tqabbil li qiegħda tagħmel l-appellanti ma jistax isir u ma jiswiex. Bħalma hu magħruf, kull każ irid jitqies skond iċ-ċirkostanzi tiegħu u l-aspetti fattwali partikolari għalih. Għall-kuntrarju ta' dik il-kawża, f'dan il-każ ma nġab 'il quddiem l-ebda ċertifikat mediku li jfisser il-qagħda mentali ta' Aloisio Grech, mhux biss fil-ħin li sar it-testment, imma fiż-żminijiet ta' qabel jew ta' wara. Ħadd mix-xhieda li l-appellanti ressqet f'din il-kawża ma huwa professjonist mediku. Ukoll, fil-kawża l-oħra, l-Ewwel Qorti kienet qabblet ix-xiehda tan-nutar li ppubblika t-testment attakkat mal-fehmiet mediċi kuntrarji ta' tobba jew konsulenti mediċi li kienu stabilew l-inkapaċità mentali tagħha li tagħmel testment. Fit-tielet lok, fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qieset biss il-preżunzjoni li meta Aloisio Grech deher quddiem in-nutar li ppubblika t-testment tiegħu, l-istess testatur kien tah x'jifhem li kien f'qagħda li jagħmel dak it-testment. Imma dik il-kunsiderazzjoni ma kinitx ir-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tiċħad it-talbiet attriċi;

24. Għal dawn ir-raġunijiet, lanqas ir-raba' aggravju ma jixraqlu jintlaqa';

25. Ftit hemm x'wieħed jgħid dwar il-**ħames aggravju** li bih l-appellanti tilmenta mill-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' tressiq ta' persuni mediċi biex jitfgħu dawl fuq il-kundizzjoni medika jew mentali ta' Aloisio Grech. Hija tgħid li ladarba dawk il-persuni tqabbdu "fl-aħħar

żminijiet ta' ħajjet it-testatur" ma kien hemm l-ebda skop li tressaqhom b'xhud tagħha billi "ma setgħux permezz tat-testimonjanza tagħhom jitfgħu dawl dwar il-kundizzjoni mentali tat-testatur fil-mument jew fiż-żmien prossimu meta ġie redatt it-testment in kwistjoni" madwar tlettax-il sena qabel;

26. Forsi, mingħajr ma l-appellanti intebħet, b'dan l-aggravju qiegħda tikkonferma għaliex din il-Qorti ċaħditilha l-ewwel żewġ aggravji. Jidher li l-provi kollha li l-appellanti ressqet biex issejjes il-każ tagħha kienu xhieda li tintrabat mal-aħħar snin ta' ħajjet ħuha u meta, allura, it-testment kien ilu li sar. Bl-istess mod, l-Ewwel Qorti anqas u anqas setgħet toqgħod fuq l-affidavit ta' persuni mhux mediċi biex tiddetermina jekk Aloisio Grech kienx kapaċi mentalment li jagħmel it-testment, jekk dik ix-xhieda kienet tirreferi għal żminijiet ħafna wara li t-testment kien sar. Kif ingħad qabel, biex l-appellanti setgħet iġġib żewġ il-każ tagħha, riedet tressaq provi li jirreferu għaż-żmien ta' meta sar it-testment li qiegħda tattakka u dan naqset li tagħmlu;

27. Bis-**sitt u l-aħħar aggravju** tagħha l-appellanti jidher li qanqlet il-kwistjoni tar-raġonevolezza ta' ħuha fit-testment attakkat. Hija tgħid li ma jistax ikun li ħuha kellu l-użu tar-raġuni dakinhar li għamel it-testment għaliex "diversi azzjonijiet tiegħu .. jippuntaw lejn l-insanità li tidher li kienet totali". Wara li tiċċita xi sentenzi tal-Qrati maltin u wkoll xi duttrina

fir-rigward, l-appellanti tgħid li l-irraġonevolezza fit-testment ta' ħuha toħroġ mill-fatt li "mingħajr raġuni fid-dispożizzjonijiet testamentarji t-testatur ħalliex lill-familjari mingħajr wirt"u, minflok, ħalla kollox lill-assoċjazzjoni appellata. L-appellanti tgħid li ħuha ma kellu l-ebda konnessjoni mal-imsemmija soċjetà u ħalla barra mill-wirt "lill-familjari tiegħu minkejja li kienu jagħmlu ħafna miegħu". Iżżid tgħid li l-fatt li qatagħhom ilkoll 'il barra mill-wirt tiegħu jixhed li ma kienx f'qagħda li jifhem in-natura tal-ġid u kif ukoll l-importanza ta' bejn il-qraba, b'mod li b'dak li għamel wera li "ma teżisti ebda disposizzjoni li turi sens ta' għaqal u rikonoxximent tiegħu nnifsu u tal-bżonnijiet tiegħu f'epoka viċinissima għat-testment";

28. Il-Qorti hija tal-fehma li s-sies waħdieni tal-azzjoni attriċi kien l-inkapaċità mentali ta' ħu l-attriċi. Jekk ma kienx tajjeb mentalment biex jagħmel testment, ma kien ikun jiswa xejn li kieku t-testment kien magħmul minn dispożizzjonijiet raġonevoli. Imma l-appellanti qiegħda tgħid li t-testment minnha attakkat tant kien irraġonevoli li dan jipprova li ħuha ma kienx f'qagħda li jagħmlu. Ta' min jirrielva li t-testment attakkat fih biss żewġ klawsoli: l-ewwel waħda tħassar kull testment li seta' sar qabel dakinhar; it-tieni waħda taħtar lill-assoċjazzjoni appellata bħala l-werrieta universali tat-testatur. It-testatur kien għażeb sa ma miet u kellu pensjoni li tasallu mill-Awstralja[16];

[16] Xhieda ta' Therese Buhagiar f'paġ. 20 tal-proċess

29. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata ma ssemmi xejn dwar kemm kienu raġonevoli d-dispożizzjonijiet testamentarji tat-testatur fit-testment attakkat. Appell jista' jitressaq biss minn dak li tkun qatgħet il-Qorti tal-ewwel istanza f'sentenza appellata. Huwa minnu, madankollu, li l-kwistjoni tar-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet tat-testment ta' Aloisio Grech tqajmu bħala argument dwar l-insanità jew inkapaċità testamentarja tiegħu. Testwalment[17], fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha l-appellanti kienet qalet li "Aloisio Grech kien qisu marbut wisq mall-affarijiet materjali tiegħu u l-qagħda mentali tiegħu ma ħallitux normali u ġġennen fis-sens li beda jissusspetta u jaħseb ħażin f'kulħadd. Il-qagħda mentali tiegħu ma ħallitux jirraġuna u beda jitratta lil ta' madwaru ħażin mhux għax ried iżda għax ma kienx baqa' jagħraf it-tajjeb mill-ħażin u dan kollu għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena". L-appellanti tara l-irraġonevolezza f'ħuha mill-fatt li, fit-testment attakkat, qata' lil qrabtu kollha 'l barra mill-wirt u ħalla lill-assoċjazzjoni appellata bħala werrieta universali tiegħu;

30. Il-Qorti tibda biex tgħid li hemm fehmiet li "r-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti f'testment tista' tkun waħda mill-kriterji li jwasslu lill-ġudikant biex jiddeċiedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-

[17] Ara paġ. 83 tal-proċess

testment, it-testatur kellux kuxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment"[18]. Jekk dan huwa minnu, madankollu, dik ir-raġonevolezza trid titkejjel ma' fatti u ċirkostanzi li jkunu seħħew fiż-żmien meta jkun sar it-testment attakkat;

31. Meta l-Qorti tara x'ingħad u x'fih it-testment attakkat mill-appellanti, issib li kemm is-sura u il-kontenut tiegħu ma juru bl-ebda mod li d-dispożizzjonijiet li saru fih jixhdu xi rraġonevolezza. Fis-sempliċità tiegħu, it-testment fih żewġ dispożizzjonijiet li jsiru f'bosta testmenti "normali" – tħassir ta' testmenti li saru qabel u ħatra ta' werriet. Għall-appellanti, l-irraġonevolezza toħroġ mill-fatt li qata' 'l qrabtu kollha mill-wirt tiegħu. It-testatur seta' jiddisponi minn ħwejġu bl-aktar mod ħieles possibbli u bil-liġi seta' jħalli barra minn wirtu lill-eqreb minn qrabatu għaliex ħadd minnhom ma kellu xi jedd jippretendi mqar xi sehem riżervat. F'kull każ, kien forsi jkun xieraq li kieku l-attriċi appellanti ressqet kopja tal-ewwel testment li ħuha kien għamel ħalli l-Ewwel Qorti kienet tkun f'qagħda li tqabbel testment ma' ieħor. Iżda, fuq kollox, l-irraġonevolezza trid titqies ukoll fil-waqt li jkun sar it-testment attakkat;

[18] P.A. GV **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Harmsworth et v. Gaetana Beżżina et*** (mhix appellata)

32. Issa, mill-provi nfushom li l-appellanti ressqet, joħroġ ċar li r-relazzjonijiet bejn Aloisio Grech u bosta mill-qrabat tiegħu ma kinux tajbin. Għall-kuntrarju, jidher li kien hemm ħafna attrit bejniethom u episodji ta' tbarrija minn ħajtu. F'ċirkostanzi ta' din l-għamla, wieħed jasal biex jifhem li ħwejjeġ bħal dawn iwasslu lil dak li jkun li jaqta' lil qrabatu minn ħajtu u minn kulma għandu. Kif sewwa jissottomettu l-Kuraturi Deputati[19], tant Aloisio Grech kien jaf x'qed jagħmel dakinhar li għamel it-testment, li ħalla ġidu lill-assoċjazzjoni appellata sewwasew biex juri lil qrabatu – magħduda l-appellanti oħtu – li kien qata' kull rabta minn magħhom. Mill-ftit provi fl-atti jirriżulta wkoll li l-benefiċjarja effettiva ta' ġidu kien jaf biha miż-żmien li kien jgħix fl-Awstralja u li kien benefiċjarju ta' pensjoni Awstraljana;

33. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ssib li dan l-aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa' u sejra tiċħdu;

***Decide:***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet

[19] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 90 tal-proċess

premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox dik is-sentenza, magħdud il-kap tal-ispejjeż; u

**Tordna** li l-appellanti tħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da